# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Ottubru,2001**

**Numru 1**

**Avviz. numru 472/99mm**

**Salvu u Mary Louise Brincat**

**vs**

**Margaret u Joseph Lia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fil-5 t'April 1999 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu l-bilanc ta' tmien mija u erba liri Maltin (Lm804) rapprezentanti pagament dovut fuq stock u armar fil-hanut liema hanut kien gie mwelli lill-konvenuti.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra bonarja u tal-mandati ta' sekwestru u ta' qbid tal-24 ta' Marzu,1999 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi l-eccipjent Salvu Brincat ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju u dana stante illi huwa qatt ma kellu ebda involviment fin-negozju tal-hanut in kwistjoni.

2. Illi dak mitlub mill-atturi ghandu jigi michud kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana peress illi mhuwa dovut lill-atturi ebda ammont ta' flus rapprezentanti stock ta' armar fil-hanut kif spjegat fl-avviz fl-ismijiet premessi.

3. Illi l-eccipjenti jissottomettu illi mhux biss mhumiex dovuti ebda flus izda li l-eccipjenti tramite Jane Micallef, sid il-hanut in kwistjoni hallsu lill-atturi izjed minn dak li kellu jithallas u li dwar dan ghaddejja proceduri quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar.

4. Illi kif ser jirrizulta mill-provi dan l-incident fejn l-atturi qed jitolbu flus li mhumiex dovuti lill-konvenuti kienet diga saret qabel din l-okkazzjoni ma' terzi ohra.

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Novembru 1999 fejn il-konvenuti rtiraw l-ewwel eccezzjoni taghhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fondi 46A u 46B Tower Street il-Mosta huma proprjeta' ta' Jane Micallef u r-ragel taghha. F'xi zmien kienu mikrija lill-atturi Salvu Brincat u martu Marie Louise Brincat. Kienu joperaw in-negozju taghhom mill-fond 46A Tower Street, Mosta. F'xi zmien dan il-fond u dak ta' magembu bl-istess numru 46B gew imniffda biex b'hekk sar hanut wiehed. Jidher li fil-1993 l-atturi rrilaxxaw dan il-fond favur Francis Saviour Farrugia illi dam jopera dan il-hanut ghal xi xahrejn u nofs biss. Sussegwentement sar ftehim mal-konvenuti li bih gie trasferit l-istock, l-attrezzi u l-merkanzija u xkaffar illi kien hemm f'dawn il-fondi. Sar ftehim bejn il-partijiet kif kellu jsir il-hlas ta' dan in-negozju. Mhumiex qieghdin jiftiehmu pero' dwar il-bilanc illi kellu jinghad, peress illi l-atturi qed jippretendu illi ghad fadallhom jircievu l-hlas ta' tminn mija u erba liri (Lm804), mentri l-konvenuti jghidu illi huma ghamlu l-pagamenti kollha.

L-attrici Marie Louise Brincat xehdet fit-tul u tat id-dettalji tal-ftehim illi kien hemm bejniethom. Qalet illi l-konvenuti ma zammewx ghal dan il-ftehim u minkejja illi kienet interpellathom sabiex ihallsu l-bilanci dovuti, baqghu inadempjenti.

Il-Qorti rat ix-xhieda tal-konvenuta Margaret Lia u jidher illi l-ilment principali taghha kien dwar l-ixkaffar li kien hemm fil-fond, fejn qieghdha tghid illi dawna ma kienux proprjeta' ta' l-atturi izda ta' sid il-post u kien ghalhekk illi l-konvenuta zammet il-pagament li hu dak indikat fl-avviz. Ma jidhirx illi hemm

kontestazzjoni dwar il-quantum, peress illi l-konvenuta a fol 17 tammetti illi dik ic-cifra hija korretta, imma tallega illi l-hlas ma sarx ghax irrizultalha illi l-ixkaffar jew *shelving* ma kienux proprjeta' ta' l-atturi u ma rieditx ittihom ta' xi haga illi ma kienetx taghhom.

Fil-kors ta' din il-kawza xehdet ukoll is-sid Jane Micallef li piu' o meno ikkorroborat il-versjoni moghtija mill-attrici Marie Louise Brincat. Din ta' l-ahhar esibiet ukoll il-ftehim illi kien sar bejnha u bejn Francis Saviour Farrugia fit-13 ta' Dicembru 1993 fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt. Fost l-affarijiet illi kien hemm f'dan il-ftehim hemm dikjarat li: "l-komparenti Francis Saviour Farrugia u martu jaccettaw u jirrilaxxaw issa stess l-imsemmi *stock,* merkanzija u xkaffar u kull oggett iehor li kellhom fl-imsemmi hanut". Dan it-trasferiment qieghed isir favur l-atturi u jirreferi ghal dawn l-attrezzi illi kien hemm fil-fond 46A Tower Street, Mosta. Skond l-atturi l-attrezzi li kien hemm fil-fond 46B Tower Street, Mosta huma proprjeta' tas-sidien. Fl-isfond ta' din ix-xhieda l-Qorti jidhrilha illi l-atturi rnexxielhom jippruvaw il-kaz taghhom fi grad ta' probabilita' kif trid il-ligi.

Irrizulta illi l-attrezzi, merkanzija, *stock* u xkaffar li kien hemm fil-fond 46A kien proprjeta' taghhom u kien proprju fuq dawn illi sar il-ftehim mal-konvenuti liema ftehim kellu bhala awtur tieghu l-ftehim l-iehor fuq imsemmi illi sar ftit qabel fit-13 ta' Dicembru 1993 ma' Francis Saviour Farrugia minn fejn jirrizulta car illi l-oggett ta' dan in-negozju kien proprjeta' ta' l-atturi.

Kif gia nghad, il-konvenuti mhumiex qed jikkontestaw il-"quantum" kif mitlub mill-atturi. Qieghdin ighidu biss illi dan mhuwiex dovut ghaliex l-ixkaffar ma kienx taghhom. Dan pero', ma rrizultax f'din il-kawza, anzi rrizulta proprju l-oppost li l-ixkaffar kien proprjeta' ta' l-atturi u ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-konvenuti ghandhom ihallsu dan l-ammont kif mitlub mill-atturi.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsuhom il-bilanc ta' tmien mija u erba liri Maltin (Lm804) rapprezentanti pagament dovut fuq stock u armar fil-hanut liema hanut kien imwelli lill-konvenuti.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit
Dep Reg